MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru. 686/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Augustine k/a Winston Bonello**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Augustine k/a Winston Bonello ta’ 42 sena, mwieled 21 ta’ Ottubru 1966, Attard, bin Anthony u Mary nee’ Bartolo u residenti f’no 92 Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ numru 451066(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-gzejjer f’San Pawl il-Bahar fil-lejl ta’ bejn 9 ta’ Gunju 2009 u l-10 ta’ Gunju 2009 f’ xi hin bejn l-ghaxra ta’ filghaxija u l-hamsa ta’ filghodu m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 914 jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel

d-dmirijietu, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxen jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq b'manjiera traskurata u perikoluza.

Sar recediv b'diversi sentenzi li nghataw mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta' Lulju, 2009 (esebit *a folio* 24 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-9 ta' Gunju 2009 ghall-habta ta' nofs il-lejl kienet qed issir road block[1] fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar u din ir-road block kienet qed tigi effetwata minn erba' membri tal-korp tal-Pulizija li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri. PS 914 Ivan

[1] L-Ordni relattiv jinsab inserit a fol. 35 tal-atti processwali.

Mifsud li xehed waqt l-udjenza tat-30 t'Ottubru 2009 spjega li huwa kien qieghed quddiem il-fergha tal-HSBC f'San Pawl il-Bahar iwaqqaf il-vetturi u wahda mill-vetturi li waqqaf kien il-vann bin-numru tar-registrazzjoni LVY 113 li kien misjuq mill-imputat fejn fil-vann kien hemm zewg passiggiera fuq quddiem li kienu minghajr seatbelt. PS 914 spjega li meta huwa gibed l-attenzjoni tal-imputat dwar dan il-fatt dan beda' jkellmu hazin u beda' jghidlu li mqabbad mieghu u sadanittant baqa' jsuq nonostante li PS 914 tah l-ordni sabiex jieqaf u wissieh li kien ser jarrestah jekk ma jobdiex l-ordni. PS 914 spjega li malli huwa kien ser jiehu c-cwievet mill-ignition l-imputat qabad isuq bi speed qawwi u li kieku huwa ma resaqx kien jispicca sabiex itajru. Huwa spjega wkoll li huma pruvaw isegwuh bil-vettura tas-servizz izda ma rnexxilhomx isibuh u giet infurmata l-control room li dan il-vann kien qed jigi mfittex u meta nstab l-airport l-imputat gie arrestat.

L-imputat kemm meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2011 kif ukoll meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 25 tal-atti processwali ma' ta ebda spjegazzjoni plawzibbli u accettabbli ghall-agir tieghu u nsista li PS 914 kien imqabbad mieghu u kien jarah iharislu bl-ikrah.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' ta' PS 914 Ivan Mifsud anki ghaliex ix-xhieda tieghu giet pjenament korroborata mix-xhieda l-ohra okulari tal-incident. Il-Qorti izda jidrilha li in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni, mill-provi jirrizulta biss li s-sewqan tal-imputat kien traskurat izda mhux perikoluz.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li ghalkemm l-imputat huwa recidiv huwa kien qed isofri minn problemi ta' natura psikjatrika fiz-zmien tal-incident li jifforma l-

mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49 ,50, 338(ee) u 338(bb) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni huwa qed jinstab hati biss ta' sewqan traskurat u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------